5 ta' Ottubru, 1998

Imħallfin:-

S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - *President*
Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.
Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.

Antonio Cassar *noe*

versus

Boris Arcidiacono

Obbligazzjoni Kontrattwali - Illeċità ta' Kawża - Massima illi *Nemo in Foro Auditur Turpitudinem Suam Allegans*

Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut inkluża dik ta'

l-illeċità tal-kawża u kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li kkundannat lill-konvenut iħallas ammont bilanċjali.

Il-Qorti:-

Il-konvenut appella minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-25 ta' Ottubru, 1993;

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur *nomine* ppremetta illi d-ditta attriċi għandha tieħu mingħand il-konvenut is-somma komplessiva ta' tlettax-il elf lira Maltija skond skrittura tas-6 ta' Awissu, 1987, u għat-termini ta' l-istess skrittura dik is-somma kellha titħallas in kwantu għal tlett elef lira Maltija valur ta' għamara u in kwantu għall-kumplament ħamest elef lira Maltija fi żmien sitt xhur mid-data liema l-appartament numru 4/116, Triq it-Torri, tas-Sliema, ikun komplut minn kollox u l-ħamest elef lira l-oħra fi żmien sena mid-data ta' l-imsemmija f'liema l-istess appartament ikun lest;

Illi l-istess appartament kien lest fil-15 ta' Ottubru, 1986 u għalhekk l-ammont fuq pattwit illum jinsab kollu dovut mill-konvenut;

Illi mill-istess somma l-konvenut ħallas biss bl-ammont kif jidher mill-anness kont immarkat dokument B u għalhekk għad fadal jagħti lill-attur *nomine* b'sitt mija u tnejn u disgħin lira Maltija għamara kif miftiehem fil-fuq imsemmija skrittura;

Illi l-konvenut għalkemm interpellat sabiex jagħmel il-pagament minnu dovut baqa' ma ħallasx;

Talab li l-istess konvenut:

Ikun ordnat minn dina l-Qorti jikkonsenja għamara għax-xelta ta' l-attur *nomine* b'valur ta' sitt mija u tnejn u disgħin lira Maltija (Lm692) fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu ffissat minn din il-Qorti u in difett jiġi kkundannat iħallas in sostituzzjoni ta' l-istess għamara s-somma ta' sitt mija u tnejn u disgħin lira Maltija;

Ikun ikkundannat iħallas is-somma ta' għaxart elef lira Maltija dovuta mill-konvenut lill-attur *nomine* skond il-ftehim fuq premess;

Ikun ikundannat iħallas lill-attur *nomine* l-imgħax kummerċjali dovuti lilu mid-data tal-pagament sad-data tal-pagament effettiv;

Ikun ikkundannat iħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża, inklużi lira ta' l-ittra interpellatorja ta' l-*20* ta' Ottubru, *1987*, kif *ukoll* dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' impediment tas-safar kontestwalment ippreżentati;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-*causa* ta' l-obbligazzjoni kienet waħda illeċità u għalhekk l-obbligazzjoni vvanatata *mill-attur hija nulla u* mhux esegwibbli.;

Illi subordinatament, kull ftehim li jirrigwarda trasferiment ta' immobbli jrid isir b'att pubbliku u l-ammonti kollha ndikati *fil-kuntratt ta'* trasferiment relattiv li sar fis-7 ta' Novembru, 1985, in atti Nutar Dr. Maurice Gambin (dok MG) ġew kollha mħallsa kif jidher mill-istess kuntratt u mir-riċevuti li għandu l-Lohombus Corporation (Dok. LC);

Għalhekk mhu dovut xejn lill-attur *nomine*;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha eċċepixxa:

L-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *rationae materiae* stante li l-konvenut mhux kummerċjant, u l-att *de quo* mhux att oġġettiv tal-kummerċ;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikajrazzjoni ġġuramentata u l-lista tax-xhieda ma' l-istess nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza mogħtija fit-8 ta' Novembru, 1991, li biha laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri ssollevata mill-konvenut, kif ukoll is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-15 ta' Jannar, 1992, li biha l-atti tal-kawża intbagħtu lura lil din il-Qorti biex tkompli tittratta l-kawża u biex tiddeċidi skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur *nomine* qed jibbaża t-talba tiegħu fuq żewġ partiti. L-ewwel waħda hija għas-somma ta' sebat elef lira (Lm7,000) li fuq il-kuntratt tas-7 ta' Novembru, 1985, fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin, ġie ddikjarat li s-somma *kienet ġà tħallset mentri fil-fatt ma kinitx. It-tieni partita* tirrigwarda s-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) dovuta bħala prezz ta' appalt ta' xogħlijiet indipendenti mill-prezz tal-bejgħ ta' l-immobbli, li tirriżulta mill-klawsola numru 2 ta' l-iskrittura a fol. 20 li tinqara hekk:

"*Besides the price of Lm22,000 therein agreed upon there is another consideration of Lm6,000 not shown in the said convenium, for works carried out at the above flat and completed to satisfaction*";

L-aħħar 12-il kelma, issottolineati mill-Qorti jirriżulta li nkitbu mill-konvenut *di proprio pugno*;

Ikkunsidrat:

Jirriżulta sodisfaċentement ippruvat għar-rigward ta' l-ewwel partita fuq imsemmija li s-somma ta' Lm7,000 ma tħallsitx mill-konvenut u li d-dikjarazzjoni fuq il-kuntratt saret fl-interess tal-konvenut innifsu, jiġifieri, ġie ddikjarat li l-konvenut ħallas din is-somma sabiex ikun jista' jottjeni l-mutwu mil-Lohombus Corporation. Filwaqt li huwa riprovevoli li f'atti pubbliċi jsiru dikjarazzjonijiet mill-komparenti li huma jafu li huma nveritieri, dan mhux neċessarjament ifisser li l-*causa* tkun illeċita. Kien jinkombi lill-konvenut li jissostanzja l-eċċezzjoni tiegħu ta' l-illeċità tal-*causa*, iżda dan ma għamlux, u għalhekk,

din is-somma tirriżulta li għadha dovuta, nonostante dak li ntqal fuq il-kuntratt;

Illi, għar-rigward tat-tieni partita, dik dwar is-sitt elef lira (Lm6,000) ix-xhieda tal-konvenut, dwar iċ-ċirkostanzi li hu jallega li fihom saret il-klawsola bl-iskrittura u firma tiegħu stess, hija għal kollox inverosimili u mhux kredibbli. Il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenut ta l-kunsens tiegħu liberament għall-klawsola *de qua* u l-kunsens tiegħu ma kienx karpit b'xi ingann. Anke għar-rigward ta' din il-klawsola l-konvenut ma rnexxilux jipprova li s-somma mhix dovuta jew li l-*causa* hija *illeċita*. Il-bejgħ bejn il-kontendenti ma jeskludix li jista' jkun hemm ukoll bejniethom kuntratt ta' appalt ta' xogħlijiet;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tirrespinġi bħala nfondati l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi";

L-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti njorat għal kollox l-eċċezzjonijiet validi u ta' ordni pubbliku ssollevati minnu u anke ma aċċettatx il-versjoni tal-fatti minnu mogħtija. Hu jsostni illi l-kuntratt kien ivvizzjat b'żewġ dikjarazzjonijiet foloz - waħda dwar il-prezz reali li suppost kien ġie miftiehem bejn il-partijiet u dana skond kif kien iddikjara l-istess attur, u l-oħra dwar il-modalità ta' ħlas għaliex ġie ddikjarat li kien diġà tħallas ammont li ma kienx fil-fatt tħallas. Dan jirrendi l-kuntratt wieħed simulat jekk wieħed jaċċetta l-versjoni ta' l-attur u speċjalment jekk il-prezz kien verament Lm28,000 kif jgħid l-attur. Isostni l-appellant li f'dan il-każ "bis-sottovalutazzjoni tal-prezz ġie ddefrawdat il-fisku għaliex id-dritt tal-boll kien ikun għola minn dak imħallas u allura jiġi li l-attur ma jistax jesegwixxi obbligazzjonijiet tinti b'kawża illeċità u kontra l-ordni pubbliku". L-appellant inoltre jissottometti illi invece jekk il-prezz veru kien dak li deher fuq il-kuntratt, att pubbliku għandu jipprevalixxi fuq kull skrittura

privata u hemm x'hemm pattwit fl-iskrittura sekondarja tas-6 ta' Awissu, 1985, dan kellu jċedi għal dak li kien hemm pattwit fil-kuntratt pubbliku tas-7 ta' Novembru, 1985;

Għandu qabel xejn jingħad li hu ovvju li l-appellant f'tentattiv biex jipprova jeħles mill-obbligazzjonijiet kontrattwali tiegħu li hu kien liberament assuma qed jittanta juża l-karta reġina ta' l-illeċità tal-kawża tal-kuntratt li bis-saħħa tiegħu hu akkwista l-immobbli u li fir-rigward tiegħu l-attur qed jirreklama l-bilanċ lilu allegatament dovut. L-appellant mhux qed jeċċepixxi n-nullità tal-kuntratt minħabba kawża illeċità. Mhux qed jippretendi li l-kuntratt għandu jiġi rexiss jew li ma għandu l-ebda effett fil-liġi. Hu għall-kuntrarju qed *jippretendi li jibqa' f'kull każ iżomm l-immobbli li hu* akkwista bil-kuntratt minnu mpunjat. Qed jeċċepixxi però li l-attur ma għandu l-ebda dritt li jesiġi l-pagament tal-bilanċ lilu dovut skond din l-obbligazzjoni tal-ħlas. Obbligazzjoni li hu ma jidhirx li qed jikkontesta *u li tirriżulta minn skrittura li hi* konnessa ma' l-esekuzzjoni tal-kuntratt, li skond l-istess appellant, hu affett minn illeċità ċara imma li ma kellu jkollu ebda forza u esekuzzjoni minn ebda qorti tal-ġustizzja. Kuntratt u skrittura li però l-appellant ma jiċħadx li kien komparteċipi u konsensjenti fihom. Indubbjament allura l-appellant kien a konoxxenza ta' l-allegati rregolaritajiet li hu jaddebita lil dawn il-kontrattazzjonijiet. Għandu qabel xejn japplika allura l-prinċipju li ħadd ma għandu jitħalla jieħu vantaġġ mit-turpitudini tiegħu stess;

Dan anke jekk jiġi aċċettat, għalissa għall-grazzja ta' l-argument, illi t-teżi ta' l-appellant hi dik korretta u allura tippresupponi bħala fatt illi ż-żewġ kontraenti kienu konxji ta' l-allegata illeċità li l-appellant qiegħed issa b'din il-kawża jadduċi. Ġie ritenut fil-kawża **Giovanni Scicluna *vs* Filippo Abela**, deċiża minn din il-Qorti (Vol. XXXII.I.174) illi:

"Imbagħad l-artikolu 697 ta' l-istess liġi jgħid ukoll li jekk il-kawża tkun illeċità għaż-żewġ partijiet ħadd minnhom ma jkun jista' jirrepeti dak li ta lil ħaddieħor u dan in forza tal-prinċipju ġuridiku li kien aċċettat fid-dritt Ruman *nemo in foro auditur turpitudinem suam allegari*; u ċertament tkun *turpidudinem* meta wieħed ikun għamel ħaġa pprojbita mil-liġi fl-interess pubbliku anzi li l-liġi televa l-esekuzzjoni ta' dik il-ħaġa għar-reat b'sanzjoni punittiva";

Prinċipju dan li ġie ukoll ribadit f'kawżi oħra ta' dawn il-Qrati fosthom il-kawża **Saċerdot Dun Vincenzo Borg *vs* Giuseppe Caruana *et*** (Vol. XXIX.II.632) li fiha ġie kkunsidrat il-fatt illi l-attur kien qiegħed jipproċedi għall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni li kienet ibbażata fuq kawża illeċità imma li fiha hu ukoll kien komparteċipi. Il-Qorti irriteniet illi:

"*Non potrebbe aprirsi l'estatuario della gustizia per coloro che si hanno ammesso la gustizia medesima sotto i piedi*";

Dan qed jingħad biex jiġi enfasizzat illi d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 987 u 991 tal-Kodiċi Ċivili mhumiex intiżi biex jagħtu xi drittijiet jew vantaġġ lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b'*causa* illeċità jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu biss intiża bħala deterrent kontra l-esekuzzjoni ta' tali obbligazzjonijiet. Dana billi temaskolahom u tirrendihom bla ebda effett:

"Hija bla ebda effett kwalunkwe obbligazzjoni magħmula b'kawża illeċità u l-kawża hija Ileċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għal għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess ġenerali" (Vol. XLI.I.694 u 694);

Hu pertinenti f'dan l-istadju li jiġi ssottolineat illi mhux kull dikjarazzjoni skorretta jew inveritiera, anke jekk volontarja u ntiża biex b'xi mod tqarraq fi skrittura li tiħloq obbligazzjonijiet, tirrendi dik l-iskrittura b'kawża lleċita u allura tirrendiha nulla u bla effett fil-liġi. Hi l-obbligazzjoni nfisha li trid tkun illeċità, ipprojbita mil-liġi, kuntrarja għal għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku. Il-fatt biss li għal raġunijiet tagħhom il-kontraenti jagħmlu konxjament fil-kuntratt dikjarazzjonijiet li ma jkunux veritieri għal skop ta' vantaġġ imma li ma jolqtux il-kawża ta' l-obbligazzjoni nfisha ma jirrendux lil dik l-obbligazzjoni bla ebda effett;

Issa t-talba attriċi li tirrigwarda l-pagament ta' Lm7,000 li fil-kuntratt ġie ddikjarat li diġà kienet tħallset mentri fil-fatt skond l-iskrittura li fuqha l-azzjoni hi bbażata dan ma kienx minnu, tinkwadra ruħha proprju f'din l-ipotesi. Jekk jiġi aċċettat li l-fatti kienu skond kif dikjarati mill-attur *nomine* u fil-verità ma tantx jidher li hemm kontestazzjoni dwar dan, ma tista' tqum l-ebda kwistjoni dwar l-illeċità ta' l-obbligazzjoni kif tirriżulta mill-iskrittura għaliex din tirrispekkja l-verità. Lanqas tqum l-ebda kwistjoni ta' illeċità jew ta' kawża kontra l-ordni pubbliku minħabba t-tentattiv ta' evażjoni fiskali. Dan għaliex jirriulta illi l-prezz iddikjarat bħala l-valur tal-fond trasferit fuq il-kuntratt kien dak ta' Lm22,000 li kien żgur jikkomprendi l-ammont ta' Lm7,000 li fuq il-kuntratt ġie ddikjarat li ġie mħallas, imma li fil-verità, skond l-iskrittura kontestwalment iffirmata, ma kienx attwalment tħallas. Dikjarazzjoni li saret fl-interess esklussiv ta' l-istess appellant u li bl-ebda mod ma tirrendi kuntratt wieħed simulat. Dan għaliex fil-fatt, il-kuntratt korrettement jesprimi l-volontà kontrattwali tal-kontraenti li kienet dik ta' trasferiment b'titolu ta' komprovendità bil-valur miftiehem bejn il-kontendenti. Lanqas hu korrett li jingħad illi jekk f'att pubbliku tkun saret dikjarazzjoni nveritiera u li tkun hekk ġiet ippruvata (anke billi dwarha ma jkun hemm l-ebda kontestazzjoni) ma jfissirx li tali dikjarazzjoni falza kellha

tipprevali fuq dikjarazzjoni oħra vera li tikkontradiċiha u li tkun volontarjament saret bejn l-istess kontraenti kontestwalment jew f'xi żmien ieħor;

Fir-rigward ta' din il-partita allura din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi l-konvenut ma rnexxilux jissostanzja l-eċċezzjoni tiegħu ta' illeċità tal-kawża u konsegwentement din is-somma tirriżulta li għadha dovuta nonostante dak li ntqal fuq il-kuntratt;

Jibqa' x'jiġi kkunsidrat it-talba ta' l-attur *nomine* fir-rigward ta' ammont ieħor ta' Lm6,000 li l-partijiet iddikjaraw fl-iskrittura bażi ta' din l-azzjoni li kienu dovuti *for works carried out at the above flat and completed to satisfaction*. L-appellant qed jallega li dan l-ammont kien jirrappreżenta parti mill-prezz ta' l-immobbli trasferit bil-kuntratt u dan l-ammont ma kienx deher fuq il-kuntratt imma ġie moħbi taħt forma ta' appalt ta' xogħol li kellu jsir fl-istess appartament biex jiġi defrawdat *il-fisco* u jiġi evitat il-ħlas tal-boll. Issa, hu veru illi fejn tirriżulta kawża illeċità jew kontra ordni pubbliku jew kuntrarja għal għemil xieraq, in-nullità ta' obbligazzjoni tista' tiġi ssollevata mill-Qorti *ex officio*. Però hu naturali illi qabel ma dan jista' jsir il-Qorti trid tkun verament sodisfatta illi tali kienet il-kawża ta' l-obbligazzjoni taħt eżami. L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni illi anke f'dan ir-rigwarad il-konvenut mhux biss ma rnexxilux jipprova li s-somma ma kinitx dovuta minnu imma lanqas li l-kawża għal dan l-ammont. ma kienet illeċita;

Hu rilevanti għal din il-Qorti kif kien ukoll għall-Ewwel Qorti illi l-kawżali dedotta għall-pagament ta' dan l-ammont u espressa fil-kliem *for works carried out at the above flat and completed* inkitbu mill-konvenut appellant *di proprio pugno*. Diffiċilment allura jista' illum jiċħad dak li hu stess kiteb u

ċertament l-iskrittura għandha piż determinanti sakemm ma tkunx newtralizzatia minn provi skjaċċanti, univoċi u konklussivi. Tali provi anke fil-kuntest tal-kontestazzjoni ta' l-attur *nomine* ma tirriżultax. F'dan ir-rigward, din il-Qorti ta' reviżjoni ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba l-apprezzament tal-prova li għamlet l-Ewwel Qorti u l-konklużjoni li waslet għaliha;

Għandu jingħad illi l-fatti ta' din il-kawża huma għal kollox differenti minn dawk tal-kawża fl-ismijiet **Perit Raymond Vassallo *vs* Anthony Cuschieri**, deċiża mill-Prim'Awla fit-18 ta' Mejju, 1993, u li għaliha l-appellant għamel pjena *referenza u fiha u minnha jsib sostenn. F'dik il-*kawża, li għadha *sub iudice* quddiem din il-Qorti diversament komposta u li l-meritu tagħha jibqa' allura mpreġudikat, il-Qorti kienet qed tiġi mitluba biex tikkundanna lill-konvenut biex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment ta' immobbli bi prezz li kien dikjaratament mhux konformi mal-valur reali kif aċċettat mill-kontendenti;

Din il-Qorti rriteniet illi l-obbligazzjoni nfisha kienet *affetta minn illeċità kontra l-ordni pubbliku* għaliex kieku aċċettat it-talba attriċi kienet qed tkun tissanzjona aġir kontra l-ordni ppubbliku kif indubbjament hi l-evażjoni tat-taxxa billi hi stess tordna li jiġi esegwit kuntratt li tkun ikkonstatat li kien ser ikollu kawża illeċità. Hu ċar li dan il-każ hu *toto coelo differenti. Din il-Qorti hi allura sodisfatta bħall-Ewwel Qorti illi* l-ammonti bilanċjali li l-attur *nomine* qed jippretendi mingħand il-konvenut appellant b'din l-azzjoni għadhom fil-fatt dovuti;

Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.